MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2006

Numru 641/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. Martin Sammut)**
**vs**
**Said Salem Said Daba sive Addaba**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Said Salem Said Daba sive Addaba** ta' 27 sena, bin Abd Asalam u Soad, imwieled Benghazi Libya fit-28 ta' Novembru, 1979, residenti gewwa Bugibba u detentur tal-passaport Libjan bin-numru mhux maghruf.

Talli f'dawn il-Gzejjer fil-lejl ta' bejn is-27 u t-28 ta' Gunju, 2006 ghall-habta ta' xi siegha u nofs ta' filghodu [01.30am], gewwa Triq Santu Wistin, San Giljan, u/jew fil-vicinanzi:-

Ingurja, hedded jew ghamel offizi fuq il-persuna ta’ PC 857 J. Laferla u PC 99 M. Portelli, persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghahom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz, u dan bi ksur ta’ Artikolu 95 ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b’hebb kontra PC 857 J. Laferla u PC 99 M. Portelli, persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti u dan bi ksur ta’ Artikolu 96 ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-gisem ta’ PC 857 J. Laferla, u dan bi ksur ta’ Artikolu 221 ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkagunaw feriti ta’ natura hafifa fuq il-gisem ta’ PC 99 M. Portelli u dan bi ksur ta’ Artikolu 221 ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Volontarjament kiser il-buon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur ta’ Artikolu 338(dd) ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta’ PC 857 J. Laferla u PC 99 M. Portelli persuni inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkel waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b’mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b’ligi jkun ordnat jew jista’ jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b’xi mod iehor, u dan bi ksur ta’ Artikolu 338(ee) ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-avukat generali sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja u n-nuqqas t’oggezzjoni tal-imputat ghall-istess procedura;

Semghet il-provi;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat

Rat l-atti tal-kawza;

Stante l-ammissjoni, l-akkuza tirrizulta pruvata;

Wara l-artikoli 95, 96, 221, 338 (dd) u (ee) tal-Kap 9.

Wara li rat il-fedina penali tal-imputat.

Tikkundannah ghall-terminu ta’ prigunerija ta’ sena (1), liema terminu ma jiddekorriex hlief jekk l-imputat jikkommetti rejat punibbli bi prigunerija ghall-zmien sentejn (2) mil-lum.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------